# 68. Tidħol ir-Rebbiegħa fir-Riħ Isfel

Ir-Rebbiegħa
ħejjiet mantar bajdan minsuġ mill-fjuri
tas-siġar taċ-ċirasa,
l-għambaqar u t-tuffieħ,
biex toħroġ bih
fid-daħla trijonfali
tal-jum
il-wieħed u għoxrin
ta' Marzu din
is-sena;
ħejjiet bukkett ċelest
tal-fjuri tal-fidloqqom
għal ġewwa idejha;
żejnet it-toroq minn fejn kellha tgħaddi
b'żewġ faxxi twal u twal, waħda kull naħa,
tal-fjuri tal-ingliża
ileqqu safranin,
u kollha ferħ se ttir
stiednet lix-Xemx biex tara d-daħla tagħha
minn tron in-nir.

Iżda fil-jum
il-wieħed u għoxrin
ta' Marzu din
is-sena
venven riħ isfel qawwi minn ġox-xlokk,
bid-diq,
bid-dlik,
rogħda, nuqqas ta' nifs,
bis-swied
u lewn l-irmied,
li tefa' fl-art il-lewż, ibtan, ibtan;
iż-żwiemel illi jiġbdu
tax-Xemx il-karru
b'xejn ma setgħu jgħaddu
mit-toroq tas-smewwiet;
u b'qalb miksura

it-tfajla Rebbiegħa
kellha toqgħod id-dar tibki fis-skiet,
u d-dmugħ minn għajnejha
niżel bexxiet bexxiet tax-xita mas-sħabiet!

Imsejkna Rebbiegħa,
oh! kemm nixtieq li kelli
leħen ta' troubadour
ħa' nkanta mal-kitarra b'leħen kiebi,
flimkien ma' ħbiebi,
xortik ħażina,
bħal dik li messet
lit-tfajla Katarin ġewwa l-Imdina!